KUNSILL LOKALI
QALA

**MINUTI LAQGHA NUMRU 63**
**TAL-KUNSILL LOKALI QALA**

It-Tlieta, 25 ta' April, 2023.

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku Qala, illum it-Tlieta, 25 ta' April, 2023, fl-16:45 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Paul Buttigieg – Sindku
Ivan Cefai – Viċi Sindku
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Karl Buttigieg Buttigieg – Kunsillier
Valerie Cassar Mejlak Cassar Mejlak – Kunsillier

Uffiċjal Preżenti:
Lorne Cremona - Aġent Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresieda l-laqgħa.

## 63.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji;

63.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' Apoloġiji.

## 63.2 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti;

63.2.1 Il-minuti ta' laqgħat numru 60, 61 u 62 ġew iċċirkolati minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Saru xi korrezzjonijiet imbgħad ġew approvati unanimament.

## 63.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

63.3.1 Is-Sindku Paul Buttigieg tkellem dwar il-programm "Wings" li sar fil-ġranet li għaddew f'Canale Monterano u lu għaliħ il-Kunsill Lokali Qala tella' delegazzjoni ta' 45 ruħ. Minkejja li n-nies f'dan il-grupp kellkom etajiet varji, is-Sindku jqis din l-esperjenza bħala success. Kulħadd kien ferħan. Is-Sindku radd ħajr lis-Sindku Alessandro Bettarelli,



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

il-Kunsilliera u voluntiera ta' ta' Canale Monterano. Radd ħajr lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv u l-iskrivani tal-Kunsill li ħadmu ħafna biex dil-mawra saret possibli. Dan il-programm kien iffinanzjat mill-Kummissjoni Ewropea, liema programm ħadmu ħafna fuqu hu (s-Sindku) u l-Aġent Segretarju eżekuttiv.

63.3.2 Is-Sindku qal li issa jmiss li madwar 45 persuna minn Canale Monterano biex jattendu għal programm NESSIE, li ser ikun qed isir bejn it-2 u s-6 ta' Lulju ta' din is-Sena. Ammont sostanzjali ta' żgħażagħ. Il-Kunsill qabel f'laqgħa preċedenti li dawnser ikunu joqgħodu Marsalforn. Dan jgħin biex jitnaqsu diffikultajiet ta' loġistika u trasport peress li ha jkunu post wieħed. Fil-Fatt f'Canale Monterano ħadu wisq xogħol u ħin biex jinġarru n-nies li kienu qed jiġu ospitati f'postijiet differenti. Il-programm mhux imfassal, imma billi l-programm ħa jsir f'Lulju hu ssuġġerit li niffukaw fuq il-baħar. Is-Sindku qal li jistenna li min-naħa tal-Kunsill, aħna nilqgħuwhom bħal ma huma laqgħu lilna.

63.3.3 Is-Sindku qal li f'Mejju delegazzjoni mill-Qala ser tkun qiegħda tivvjaġġa għal Salina bejn is-16 u t-22 ta' Mejju. Il-Kunsill Lokali tal-Qala għandu ħbiberija mal-komunita' ta' Salina li ilha li bdiet 'il fuq minn 20 sena ilu. Wara waqfa ta' xi snin il-ħbiberija reġgħet iġġeddet. Dwar is-safra, is-Sindku qal li billi din ġiet ippjanata u maħduma mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv u flimkien mas-Sur Saviour Spiteri; is-Sur Lorne Cremona se jkun parti mid-delegazzjoni. Il-Kunsilliera qablu unanimamanet ma dan.

63.3.4 Is-Sindku qal li saret laqgħa mat-tmexxija tal-iskola ix-xogħol li ser isir fi Triq 28 ta' April. Intlaħaq qbil fuq kif ser jitmexxa t-*traffic management*. Ser ikun hemm uffiċjali ta' Transport Malta li ser ikunu preżenti biex jiffaċilitaw it-traffiku. Il-prijorita' għandha tkun is-sigurtà tat-tfal. Il-Kunsillier Karl Buttigieg staqsa hemmx *timeline* sa meta hu stmat li dan ix-xogħol ikun lest. Is-Sindku wieġeb li ma nafux. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ser ikun qed jibgħat ittra lil kuntrattur biex ninfurmawħ bil-festa.

63.3.5 Is-Sindku qal li illum stess, iltaqa' mas-surveyors tal-*Water Services* li mmarkaw il-livelli tat-tappieri fi Triq 28 ta' April.

63.3.6 Is-Sindku qal li, min-naħa tal-Ministeru għal Għawdex kollox jinsab lest lest biex jiġi ffirmat l-*addendum* tal-kuntratt. Ix-xogħol u t-*tarmac* ser jibda minn Pjazza San Ġuzepp u jibqa sejjer sa Pjazza Isqof Mikiel Buttigieg, u jdur madwar il-Bust ta' Anton Buttigieg. Il-*bricks* ta' madwar il-bust se jinbidlu. Kunsilliera qablu ma dan.

63.3.7 Is-Sindku qal li l-Kunsill ġie nfurmat li s-Sur Neil Agius qed jorganizza għawma nhar l-1 Mejju li titlaq minn Hondoq u tispicca l- Marfa, Malta.

63.3.8 Is-Sindku semma li diversi drabi qed jiġbor boroż suwed bit-*truck*. Semma li bħala raħal ma nistgħux ngergru, għaliex ftit huma n-nies li m'humiex jobdu. Postijiet oħra ġo Għawdex jinsabu f'qagħda agħar.



PB

63.3.9 Is-Sindku qal li s-siġar li hemm fil-qsari madwar il-Qala qiegħdin jissaqqew kull ġimgħa.

63.3.10 Is-Sindku qal li x-xogħol fuq il-belvedere miexi. Qiegħda tinqala' ż-żebgħa l-qadima u wara jgħaddu bil-*primer* u żewġ passati *top coat*. Il-fanali bdew jinbidlu; u l-fanal li ser jitwaħħal fejn tax-Xerri ser jasal dalwaqt. Ġew ordnati bozoz żejda peress li dawn mhumiex bozoz normali.

63.3.11 Is-Sindku qal li l-fanali għal fejn ir-*roundabout* ta' Patri G Portelli waslu u qed nistennew li jitwaħħlu dalwaqt.

63.3.12 Is-Sindku qal li mill-aħħar laqgħa 'l hawn ma sema' xejn dwar il-berġa fil-pjazza.

63.3.13 Dwar is-servizz ta' tiswijiet ta' bozoz fit-toroq, is-Sindku qal li l-Kunsill qed jesperjenza problemi mal-kuntrattur. Dawn id-diffikultajjiet mhumiex qed jiġu osservati fil-Qala biss. Fil-laqgħat tar-reġjun dil-problema qiegħda tissemma b'mod regolari. Is-Sindku saħaq li l-iskrivana qed jagħmlu xogħolom. Mhux sew li hemm min jipprova jċekken ix-xogħol tagħhom. Dil-problema ssemmiet kemm il-darba f'laqgħat imgħoddija[1].

63.3.14 Is-Sindku qara' email mingħand Mark Agius li ġġib id-data tal- 21 ta' April. Din l-email intbgħatet lil Dr Claire Bonello u qed nistennew parir mingħandha dwar dan. Is-Sindku qal li jekk fil-każ, ser tissejjaħ laqgħa urġenti dwar dan.

63.3.15 Is-Sindku qal li dwar is-servizz ta' *ibins* fi Triq Grunju, il-*Green Pac* tilfu l-kuntratt. Hu suppost ser ikollu laqgħa fil-futur qrib ma Green MT li rebħu l-kuntratt. Is-Sindku qal li jawgura li jkollna servizz tajjeb bħal ma kellna fl-imgħoddi.

63.3.16 Dwar il-proġett Qala Creek, is-Sindku qal li hu attenda għal seduta li saret nhar id-19 ta' April iżda din ġiet posposta għal Mejju.

63.3.17 Is-Sindku kkonferma li b'seħħ mill-1 ta' Mejju l-iSkips se jiġu rilokati fi Triq il-Fortin ta' Sant' Antnin. Diġa' tqassam fuljett fid-dar, u l-iskip attendant qed javża lin-nies li jmorru jarmu.

63.3.18 Is-Sindku qal li l-Kunsill ingħata ċ-ċavetta għal kamra f'Hondoq bi swit ir-*reverse osmosis*.

63.3.19 Is-Sindku qal qed joqrob iż-żmien li fih l-Aġent Segretarju Eżekuttiv item is-servizz tiegħu fil-Kunsill Lokali Qala. Is-Sindku qal li żgur ma kienx faċli għall-Aġent Segretarju Eżekuttiv peress li r-raħal kien ilu 10 xhur mingħajr Segretarju u dan ried jibda' kollox mill-ġdid peress li mank *handover* sura ma ingħata. Is-Sindku qal li jħoss li hu u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv ħadmu tajjeb ma xulxin. Is-Sindku sellem lis-Segretarju

[1] Ara Minuti numru 60.3.12 u 60.4.11



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

Eżekuttiv, rringrazjah tal-hidma tiegħu tul dawn l-aħħar sentejn u awguralu għax-xogħol il-ġdid tiegħu.

43.3.20 Is-Sindku Paul Buttigieg għarraf lil Kunsilliera li t-Tlieta, 2 ta' Mejju, l-Kunsill ikun qed jagħti merħba lis-Sa Heidi Grech. Is-Sindku qal li għall-ewwel ftit ġranet is-Sur Cremona ser ikun qed jaħdem flimkien mas-Sa Grech ħalli jiġi żgurat *handover* bl-inqas inkonvenjent lil Kunsill.

## 63.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

63.4.1 Il-Kunsillier Joseph Buttigieg qal li kelmuh xi resident ta' Triq 28 ta' April; fejn dawn staqsew dwar hux ħa jkun hemm aċċessibilita' għal darom waqt li t-triq tkun magħluqa. Is-Sindku qal li hu se jkun hemm il-ħin kollu u se jiżgura li jibqa' minn fejn dawn ir-residenti jgħaddu għal darhom.

63.4.2 Il-Kunsillier Joseph Buttigieg qal li ġie avviċinat mill-Għaqda Komittiva Xagħra, fejn staqsew il-Kunsill iridhomx jieħdu sehem fil-Folk Festival. Il-Kunsilliera jaqblu fil-prinċipju ma din il-proposta.

63.4.3 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai għarraf lil Kunsill li l-WIFI f'Hondoq issewwa u qed jaħdem. Issa hemm sistema ġdida, u għandu firxa tajba.

63.4.4 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai staqsa kienx hemm aġġornamenti fuq il-WIFI li hemm fuq il-Kappella tal-Blat? Is-Sindku qal li għadu ma ltaqax mal-familja.

63.4.5 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai staqsa saritx it-tabella dwar CCTV fi Triq il-Wileġ. Is-Sindku qal li ser issir nagħmlu talba lil Tony's Signs biex jagħmel waħda.

63.4.6 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai staqsa tistax issir tabella dwar l-iskart fi Triq il-Wardija. Is-Sindku qal li din ser issir.

63.4.7 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai talab li jsir *patching* fejn ir-roundabout Triq P G Portelli. Is-Sindku qal li l-*cold mix* diġa' ordnat u ser ikun qed isir fil-ġranet li ġejjin.

63.4.8 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai tkellem dwar siġar fi triq il-Wileġ, u staqsa jistgħux jinqatgħu? Is-Sindku qal li dawn dejjem inqatgħu mill-individwi private, u li hu ser ikun qed ikellemhom dwar dan.

63.4.9 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai semma li rċieva talba minn resident fi Triq il-Kappillan Dun Ġużepp Vella, dwar sinjal isfar żgħir "no parking" li sar biex jgħinhom jaċċedu għal garaxx tagħhom bil-karozza. Minkejja dan is-sinjal, ir-residenti xorta qed isibu problema biex idawwru l-karozzi. Is-Sindku qal li ser ikun qed jitkellem ma Transport Malta biex jara x'jista' jsir.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

63.4.10 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai tkellem fuq sinjal isfar ta' "no parking" fejn B&B fi Triq 28 ta' April. In-nies qed iħallu l-karozza sakemm iħottu, u jlaqqtu ticket kull darba. Is-Sindku ser ikun qed jitkellem mal-ħaddiema ħalli jitneħħa parti minn dan is-sinjal isfar.

63.4.11 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai tkellem dwar il-*bus stop* fi Triq il-Wileġ, u staqsa kif ħa nibqgħu? Ittieħdet deċiżjoni, u hu jibqa' jħoss li la ddeċiedejna din trid issir. Skond hu, it-triq wiesa biżżejjed u ma għandux ikun hemm diffikulta' tat-traffic. Is-Sindku qal li din il-ġimgħa stess il-Kunsill irċieva korrispondenza dwar *bus stop* fi Triq is-Salib. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg qal li hu jmur jimxi fi Triq il-Wileġ kważi kull jum, u jaħseb li kif propost ikun hemm wisa' biżżejjed. Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak staqsiet għaliex din il-*bus stop* ma tistax tiċċaqlaq sa tarf il-bini? Il-Viċi Sindku Ivan Cefai qal li dan ma jistax isir għax qed toħloq inkonvenjent. Il-Kunsillier Karl Buttigieg issuġġerixxa li nimxu mal-maġġoranza.

63.4.11.1 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai qal li fejn hi fil-preżent qiegħda toħloq inkonvenjent, waqt li fejn hi proposta ma hemmx inkonvenjent.

63.4.11.2 Is-Sindku Paul Buttigieg qal li hu tal-opinjoni li nħalluwha fejn tinsab. Min xtraha kien jaf fejn kienet il-*bus stop*. Is-Sindku wissa lil Kunsill biex ma nibdewx inħarrku *bus stops*, għax imkella kulħadd jibda' jitlob li jiċċaqalqu *bus stops*.

63.4.11.3 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak issuġġeriet li tersaq ftit; b'tali mod li tiġi fit-tarf tal-istess post.

63.4.11.4 Il-Kunsillier Karl Buttigieg qal li hu jaqbel li tibqa' fejn hi u tersaq hekk kif suġġerit mill-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak hawn fuq.

63.4.11.5 Il-Kunsillier Joseph Buttigieg issuġġerixxa li l-*bus stop* tiċċaqlaq bi ftit metri b'tali mod li tiġi mal-kantuniera tal-bini li jmiss (fid-direzzjoni taċ-ċentru tar-raħal).

63.4.11.6 Il-Kunsilliera qablu li ssir talba ma Transport Malta biex il-bus stop tiċċaqlaq hekk kif proposta mill-Kunsillier Joseph Buttigieg.

63.4.12 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai staqsa hux ser issir xi attivita' nhar it-3 ta' Mejju. Is-Sindku wieġeb li ser issir attivita' għall-anzjani.

63.4.13 Il-Kunsillier Karl Buttigieg tkellem dwar *gazebo* mwaqqa' li hemm fuq in-naħa ta' wara tal-ground. Il-Kunsilliera qablu li din għanda titneħħa.

63.4.14 Il-Kunsillier Karl Buttigieg tkellem dwar permessi biex jingħalqu t-toroq. Hu ġie avviċinat b'żewġt ilmenti li Triq il-Forn mhux jitpoġġew *barriers* jew *cones*. Intbgħatu 6 *emails* mingħand l-iskrivana tal-Kunsill dwar dan. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg qal li hemm triq partikulari li qiegħda tingħalaq kull jum. Il-Kunsilliera qablu l-kuntratturi għandom jagħmlu l-affarijet sewwa, imkella ma jinħariġx permess.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

63.4 15 IS-Sindku avża lil Kunsilliera li Triq ta' Kassja fl-aħħar irranġawha.

63.4.16 Il-Kunsillier Karl Buttigieg tkellem dwar il-kamra li hemm lil-hinn minn Hondoq. Staqsa jekk is-sid ingħatax permess biex jiftaħ it-triq? Is-Sindku qal li għamel ħiltu kollha joġġezjona kontra dan l-isvilupp, imma dik service road. Il-Kunsillier Karl Buttigieg issuġġerixxa li jkun tajjeb li kieku naraw kellux permess biex jiftaħ din it-triq.

63.4.17 Il-Kunsillier Karl Buttigieg tkellem dwar il-pjan ta' *traffic management* waqt li Triq 28 ta' April se ddum magħluqa; u qal li jkun tajjeb li issir ittra u tintbgħat lir-residenti. Is-Sindku qal li diga qed jaħdmu fuqa.

63.4.18 Il-Kunsillier Karl Buttigieg semma l-flus li kien hemm allokati għal Gnien Maġistrat Salvu Attard, li mbgħad kien hemm qbil sabiex tmexxew fuq Ġnien il-Familja. Staqsa fejn wasal il-proċess ta' tibdil tat-tapiti fi Gnien il-Familja. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ser ikun qed jieħu parir mingħand il-Perit dwar dan.

63.4.19 Il-Kunsillier Karl Buttigieg talab biex jinqata' l-ħaxix ħazin fi Triq il-Kunċizzjoni u fejn il-Ġebla l-Wieqfa.

63.4.20 Il-Kunsillier Karl Buttigieg issuġġerixxa li jitwarrab il-ġebel kbir li ddaħħal fil-bajja ta' Hondoq bil-maltemp. Is-Sindku qal li diġa' tkellem dwar dan ma uffiċjali mill-Ministeru għal Għawdex, u mal-ewwel ċans ħa jneħħu minnu. Il-Kunsillier Karl Buttigieg staqsa wkoll meta ser jitwaħħlu s-slielem. Is-Sindku qal li soltu dan isir fil-bidu ta' Ġunju.

63.4.21 Il-Kunsillier Karl Buttigieg semma li hemm *bin* taż-żibel li waqa' mal-art f'Hondoq. Is-Sindku qal li dan ħa jitranġa.

63.4.22 Il-Kunsillier Karl Buttigieg għalaq il-mistoqsijiet tiegħu billi radd ħajr lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv tal-ħidma tiegħu.

63.4.23 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak staqsiet kienx hemm aġġornamenti fuq il-bozza solar li kellha titwaħħal. Is-Sindku qal li din suppost qarribna biex titwaħħal.

63.4.24 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak staqsiet kienx hemm żviluppi fuq il-bozoz li jridu jitwaħħlu fi Triq Forti Sant' Antnin. Is-Sindku qal li l-Kuntrattur hu li qed iżomm ix-xogħol; u li għada se nerġgħu nkellmuħ. Fuq il-post diġa' saret site visit mal-engineer enemalta u GO.

63.4.25 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak għamlet referenza għax-xogħol li ser isir fit Triq 28 April, u staqsiet ir-residenti humiex avżati? Dan għaliex f'dik it-triq hemm 3 *guesthouses* u anke garaxxijiet. Is-Sindku qal li hu ha jkun dejjem disponibbli u ħa jkun qed jaħdem biex kemm jista' jkun inaqqas l-inkonvenjent lir-residenti.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

63.4.26 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak qalet li nhar is-7 ta' Mejju ha torganizza fiera ta' Jim l-Omm, fil-Pjazza; u tablet li l-Kunsill jipprovdi l-imwejjed għal din l-attivita'. Il-Kunsilliera kollha qablu ma dan.

63.4.27 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak qalet li qiegħda tippjana *Book Fair* biex nippromwovu l-qari. Sabet tikri tinda li tiswa EUR500. Il-Kunsillier Karl Buttigieg isuġġerixxa li tiċċekja mal-Kunsill Lolali Kerċem għax dawn għandom tinda, forsi jtuwielna b'irħis.

63.4.28 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak qalet li fi Pjazza San Ġuzepp hemm *bike* li tintuża minn persuna bi problemi ta' saħħa. Saqsiet nistgħux niġbru din ir-rota u neħduwula d-dar ta' din il-persuna? Il-Kunsilliera qablu ma dan.

63.4.29 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak qalet li kien hemm xi nies staqsew jistgħux jiġu Salina? Is-Sindku qal li għal din l-attivita' nistgħu ntellgħu sa massimu ta' 15 il-ruħ.

63.4.30.1 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak qalet li mhux l-ewwel darba li s-Sindku għolla leħnu magħha, quddiem in-nies. Anke dan l-aħħar waqt safra ta' ġemellaġġ is-Sindku għajjat magħha 3 darbiet quddiem in-nies. Bħas-Sindku, anke l-Kunsilliera huma eletti min-nies, u għalhekk titlob li tiġi rispettata bħal kulħadd. Hi qalet li serviet lin-nies tar-raħal bla ebda distinzjoni u kulur. U ha tkompli tieħu deċiżjonijet bla biża jew favur. Għalhekk ma taċċettax li ħadd ma jgħolli leħnu magħha la fil-privat u lanqas fil-publiku.

63.4.30.2 Is-Sindku wieġeb li hu għolla leħnu għaliex mhux sewwa li l-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak ħadet deċiżjoni mingħajr ma tikkonsulta miegħu. Is-Sindku qal li l-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak iddiskutiet ma waħda mill-Kunsilliera ta' Canale Monterano fuq fejn kellu jsir is-*shopping* u, xħin rat li ma waslitx magħha, marret fuq ix-xufier u kkonvinċiet lilu. Is-Sindku qal ukoll li l-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak qabżet il-kju tac-*check in* fl-ajruport ta' Ruma. Is-Sindku żid jgħid li xi ħmistax qabel kien diġa tkellem magħha biex dawn l-affarijiet ma jiġrux għaliex ma huwiex ġust li S-Sindku ma jiġix rispettat. Ma kienx ġust anqas għan-nies li jergħu jmorru fl-istess post darbtejn u minħabba hekk kien hemm it-tgergir. Dan għaliex il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak qabdet u biddlet il-pjan tar-rotta pjanata mingħajr konsultazzjoni mas-Sindku.

63.4.30.3 Il-Kunsilliera Valerie C. Mejlak wieġbet għal dak li kien allega s-Sindku u talbitu biex joqgħod attent xi kliem juża u dan minħabba li hu qal li bit-tattiċi tagħha kkonvinċiet lix-xufier. Żiedet tgħid li għandu jġib rispett lill-kunsilliera u għandu jitlob skuża ta' dan. Is-Sindku wieġeb illi hi għandha tirrispetta lilu bħala Sindku u ma tieħux deċizzjonijiet minn wara darhu u ma setatx tbiddel il-programm mingħajr ma tikkonsulta miegħu. Hija wieġbet illi kieku kien responsabbli ma kienx jieħu lin-nies ġo xita qliel speċjalment meta kien hemm l-anzjani u t-tfal. Bħala Kunsilliera huma wkoll kienu responsabbli għan-nies tal-Qala u kien hemm bżonn li jinbidel il-programm. Spjegat illi hi tkellmet ma kunsilliera ta' Canale biex flok f'Villa Adriana fix-xita jkun aħjar jekk imorru shopping. Il-Kunsilliera



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttigieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

Laura ssuġġerit li jmorru Roma Est peress li kien qrib pero minħabba li Porto Roma huwa shopping akbar jkun aħjar kieku jmorru hemm ħalli xħin imorru t-Tnejn ikunu diġa ffamiljarizzaw ruħhom mal-post. Il-Kunsilliera Valerie C. Mejlak kompliet tgħid illi s-SIndku reġa għolla leħnu fl-ajruport meta nfetħet id-desk tac-check in u spjegat illi kienet l-impjegata tal-ajruport stress li għamlitilha s-sinjal biex tgħaddi.

63.4.31 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak, staqsiet hemmx aġġornamenti fuq it-Triq ta' Hondoq. Is-Sindku qal li għadna bla risposta. Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak qalet li bħala Kunsill trid issir pressure kbira mal Ministeru ħalli din it-triq issir malajr kemm jista' jkun.

63.4.32 Il-Kunsillier Karl Buttigieg talab li tittieħed azzjoni ħalli is-żbir tas-siġar tal-pjazza jkun lest qabel il-festa. Is-Sindku qal li ser ikun qed jibda' l-proċess biex jinġieb il-permess tal-ERA.

## 63.5 Aġġornament fuq Triq 28 ta' April

63.5.1 Din il-materja diġa ġiet diskussa aktar kmieni f'din il-laqgħa[2]

## 63.6 Evalwazzjoni fuq il-Proġett "Wings" (Canale Monterano, April 2023)

63.6.1 Din il-materja diġa ġiet diskussa aktar kmieni f'din il-laqgħa[3]

## 63.7 Aġġornament fuq Ġemelleġġ ma Salina (Mejju 2023)

63.7.1 Din il-materja diġa ġiet diskussa aktar kmieni f'din il-laqgħa[4]

63.7.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsilli ta' Salina ser ikunu qed ikopru t-transport minn Milazzo 'il quddiem. Ifisser li minn Għawdex sa Milazzo l-ispejjeż iridu jkunu koperti mill-Kunsill tal-Qala (coaches, vapur u biljetti tal-ajru). Bl-istess mod, aħna w'ġejjin lura il-loġistika ser tkun qiegħda titħallas mill-Qala. Il-Kunsilli ta' Salina ser ikunu qed jagħmlu l-*bookings* mal-kumpanniji ta' transport fi Sqallija imma jitħallsu mill-Qala. Il-Kunsilliera qablu ma dan.

---

[2] Ara Minuta numru 63.3.34
[3] Ara Minuta numru 63.3.1
[4] Ara Minuta numru 63.3.3



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

63.7.3 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li jista' jkun li barra Salina, nżuru gżejjer oħrajn fil-viċin. Għadu mhux magħruf min ser iħallas għal *hydrofoil* f'dan il-każ; imma jista' jkun li dan t-transport tal-baħar (*hydrofoils*) niġu mitluba nħallsu għalih il-Kunsill tal-Qala. Bħala kumpannija tal-*hydrofoil* hemm waħda biss. Il-Kunsilliera unanimament qablu li dawn il-biljetti jitħallsu mis-Sur Saviour Spiteri, imbgħad jiġu *refunded* lilu lura mill-Kunsill.

63.7.4 Il-Kunsillier Karl Buttigieg staqsa jekk ikunx possibli li l-Folk Group ikun mistieden biex imur Salina? Il-Kunsilliera qablu li jqajmu dan is-suġġett meta huma stess ikunu fuq il-gżejjer.

63.7.5 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ta' aġġornament fuq il-Banda ta' Salina, li ssemmiet fil-laqgħa ta' Marzu. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li kellu komunikazzjoni mas-Surmast tal-banda ta' Salina u ddiskutew dati differenti fejn din il-banda tista' tiġi Għawdex. Billi din il-banda hi komposta minn studenti, dawn ma jistgħux iżuruna waqt il-QIFF għaliex ikunu diġa' bdew l-iskola. Il-Kunsilliera qablu li nipproponu lil din il-banda biex jiġu għall-aħħar weekend ta' Lulju, cioe' il-weekend ta' qabel il-festa.

## 63.8 Xogħol ta' manutenzjoni fiz-zona tal-Belvedere u inħawi oħra

63.8.1 Din il-materja diġa ġiet diskussa aktar kmieni f'din il-laqgħa[5]

## 63.9 Materji Amministrattivi

63.9.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ta' aġġornament lil Kunsilliera dwar il-ħruġ ta' *cheque books* mill-bank fix-xahar ta' Marzu. Irriżulta li kien hemm diffikultajiet tekniċi mill-bank u ordni għac-*cheque books* li saret f'Marzu damu ħafna ma ġew ipproċessati.

63.9.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ta' aggornament lil Kunsilliera dwar is-sejħa għal *Casual Substitute Clerk*. Is-Sindku qal li hu importanti li jiġi min jiġi, ikun marbut mal-iskrivana.

63.9.3 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li bdew jinħarġu l-pagamenti lil *project parners* tal-programm EUISM. Diġa' saru xi pagamenti, u l-oħrajn li għad fadal ser isiru fil-ġranet li ġejjin.

---

[5] Ara Minuta numru 63.3.10



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

63.9.4 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv għamel referenza għal laqgħa ta' Jannar fejn inqabel li l-kuntratt mal-*club* tal-futbol dwar kera tal-*clubhouse* jingħata lil Avukat biex naraw hemmx lok għal *change of scope*. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li hemm *tender* li jagħlaq fis-sena 2025 u għalhekk *change of scope* ma jistax isir. F'dan it-tender hemm li l-club tal-football irid iħallas EUR600 bħala kera, għal kull sena. Il-Kunsill qabel li peress li f'dawn is-snin il-grawnd kien qed jiġi rrinovat għas-snin l-imgħoddija ma jintalabx ħlas mill-*club*. Il-Kunsilliera qablu wkoll li, issa li l-grand qed jerġa' jintuża, mis-sena 2023 'il quddiem jerġa' jibda jinħareġ il-kont tal-kera għal *clubhouse* kull sena.

63.9.5 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsill li, bi qbil mas-Segretarju Eżekuttiv il-ġdida, il-Budget għas-sena 2023 ser ikun qed jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss.

## 63.10 Korrispondienzi

63.10.1 Email mingħand Transport Malta re ċaqliq propost ta' *bus stop* fiz-zona tal-Kunċizzjoni. Kunsilliera ddeċiedew unanimament li tibqa' fejn hi.

63.10.2 Email mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, biċ-ċirkulari numru 8/2023 "Ristrutturar u re-branding tad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali".

63.10.3 Email mingħand Ian Magro tal-Assoċċazzjoni tal-Kunsilli Lokali, dwar sħubija fl-European Cities Against Drugs (ECAD). Il-Kunsilliera qablu li l-Kunsill Lokali Qala jissieħeb fl-EACD.

63.10.4 Email mingħand Nicholette Xerri f'isem l-ERRC li fiha jistaqsu l-Kunsill huwiex interessat għal servizzi mingħandhom waqt l-Attivita' "Hondoq By Night". L-ERRC ser ikunu qed jiġu kkuntatjati biex idawwru din il-komunikazzjoni lil *Qala Saints Football Club* u dan peress li huma jorganizzaw din l-attivita'

63.10.5 Email mingħand Kyle Delmar f'isem APS Bank dwar id-dewmien ħruġ ta' Cheque Books matul ix-xahar ta' Marzu.

63.10.6 Email mingħand is-Sur Charles Bezzina dwar il-publikazzjoni ta' ktieb "Mill-Ġrajja għall-Ballata".

63.10.7 Email mingħand is-Sa Lyndsey Zarb f'isem il-Ministeru għall-Edukazzjoni dwar *Lifelong Learning EPAL Webinar 3: Financial Literacy Education Gaps across Generations.*

63.10.8 Email mingħand is-Sa Camille Bon dwar sessjoni ta' tagħrif dwar "*Urban Mobility Innovation*".

63.10.9 Email mingħand is-Sur Fabian Galea f'isem Reġjun Għawdex, dwar sessjoni ta' tagħrif fuq "*Building Europe with Local Councils*".



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

63.10.10 Email mingħand is-Sa Martha Piscopo f'isem it-taqsima tax-xogħlijiet pubbliċi, dwar stedina għal Workshop nazzjonali "*Coastal-COVER*".

63.10.11 Email mingħand is-Sa Gerlene Camilleri, Segretarju Privat tal-Onor Alisom Zerafa Civelli, bħala radd il-ħajr tal-merħba mogħtija lill-Onor Civelli waqt żjara li għamlet fil-Kunsill tal-Qala.

## 63.11 Materji oħra

63.11.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżenta rendikont dettaljat tal-ispejjeż imħallsa sal-aħħar ta' Marzu bil-*petty cash*. Il-Kunsilliera approvaw dan ir-rendikont.

63.11.2 Ġiet mgħoddija l-iskeda tal-pagamenti numru 04/2023. Waqt li kienet qiegħda ssir il-qari tal-pagamenti, ħareġ li l-iskeda mħejjija kellha xi żbalji tal-excel. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ser ikun qed jiċċirkola verżjoni korretta ta' din l-iskeda permezz ta' email.

63.12.3 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv staqsa lil Kunsilliera l-Kunsill għandux jipproċedi u jippreżenta l-petizzjoni mħejjija lil Transport Malta biex jitjieb is-servizz tal-linja fil-Qala. Il-Kunsilliera qablu li nistennew ftit tal-ġranet oħra, imbgħad tiġi ppreżentata fl-ewwel ġranet ta' Mejju.

63.12.4 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qara messaġġ ta' radd il-ħajr lil Kunsilliera fi tmiem il-ħidma tiegħu ġewwa l-Kunsill Lokali Qala. Dan il-messaġġ huwa anness ma dawn il-minuti bħala **"Appendiċi 1"**. Il-Kunsilliera kollha raddew ħajr lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv tal-ħidma tiegħu.

## 63.13 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

63.11.1 Il-laqgħa ġiet fi tmiema fis-7:00pm. Intlaħaq qbil li fuq *tentative date* għal laqgħa li jmiss biex issir nhar l-Erbgħa, 31 ta' Mejju 2023, fl-4:30pm. Dawn il-Minuti ġew ippreparati mill-Aġent Segretarju Lorne Cremona u ppreżentati mis-Segretarju Eżekuttiv Heidi Grech.

Paul Buttigieg
Sindku

Heidi Grech
Segretarju Eżekuttiv



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt